FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru sebgħa u erbgħin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum il-Ġimgħa 29 ta' April 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur A Debono<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R Cutajar<br>Is-Sur P Dalli |
| **D/Segretarju:** | Is-Sur P. Massa |

Is-Sur C Bonello kiteb lill-Kunsill fejn talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba xogħol filwaqt li s-Sur M Lombardo kiteb lill-Kunsill fejn talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba mard.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk approva li dawn jiġu skużati għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Offerti

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa urġenti ta' llum issejħet sabiex jiġu aġġudikati l-offerta tal-kiri ta' garaxx minħabba li diġa nħareġ it-*Tender* għat-twaqqiegħ tal-postijiet fejn ser jinbena l-Uffiċċju l-ġdid kif ukoll l-offerta tal-Upgrading Works tar-Roundabout fi Triq Hompesch intersection ma' Triq San Tumas, sabiex ix-xogħolijiet jitlestew preferibilment qabel il-festa.

1.01 Is-Sindku spjega li wara li ġiet segwita l-proċedura stabbilita għall-kwotazzjonijiet, daħlet kwotazzjoni waħda għall-kiri ta' garaxx. Dan il-garaxx li jinsab fi Triq Mater Boni Consilii kien ta' daqs ta' tlett vetturi u għandu provista ta' elettriku 3 *phase* kif ukoll *toilet*.

Mayor, Vicemayor, Councillors, Dep & Cl. Staff 5

Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3008/11/6 "Sabiex dan il-Kunsill jaċċetta l-offerta għal GRG-17-11 lil Anthony Abdilla peress li hija l-aktar offerta vantaġġjuża". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Il-mozzjoni ref: 3008/11/6 kienet approvata nem con.

1.02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu daħlu żewġ offerti għall-kuntratt RBT-17-11(2). Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta ġew verifikati matematikament l-offerti li daħlu ġie nnotat li l-orħos offerta sottomessa mill-Kumpanija Dimbros Ltd. kellha żball fil-multiplikazzjoni u b'hekk iċ-ċifra finali tnaqset b'€8,721.60. L-iżball ġie kkonfermat mill-istess Kumpanija Dimbros Ltd.

Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3009/11/6 "Tender RBT-17-11(2) sabiex dan il-Kunsill jagħżel lil Dimbros Ltd peress li hija l-aktar offerta vantaġġjuża". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Il-mozzjoni ref: 3009/11/6 kienet approvata nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.40p.m.

Sindku

D/Segretarju